**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 199/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Sharon Zahra ġia Scicluna**
**(ID 503174(M))**

**Illum, 29 ta' Marzu, 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata **Sharon Zahra ġia Scicluna**[1], bint Joseph Cutajar u Maria Dolores Frendo, imwielda San Ġiljan fis-17 ta' Settembru 1974 u residenti 61/2, Triq il-Wied, Birkirkara, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 503174(M);

Akkużata talli nhar il-21 ta' Mejju 2011, għall-ħabta tat-3:00 p.m. fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-

[1] Mill-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012 quddiem din il-Qorti kif diversement preseduta, jirriżulta illi fuq talba tal-Uffiċjal Prosekutur, kunjom l-imputata ġie sostitwit minn 'Cutajar' għal 'Scicluna' (a fol. 6 tal-proċess). Mill-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2019, jirriżulta wkoll illi fuq talba tal-partijiet, kunjom l-imputata ġie korrett sabiex minflok 'Scicluna' dan jinbidel f''Zahra' (a fol. 67 tal-proċess).

raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha**.[2]

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), datat 30 ta' Jannar 2012, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[3];

Rat ukoll illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tat-30 ta' April 2014;

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi mressqa fil-kawża sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversement preseduta[4];

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2018, il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża[5];

Rat in oltre r-rikors tal-imputata tal-24 ta' Settembru 2019, li permezz tiegħu hija talbet illi fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma u Spettur Spiridione Zammit) vs Claire Farrugia**, din il-Qorti testrometti mill-atti tal-kawża kemm l-istqarrija rilaxxjata minnha mingħajr

---

[2] Oriġinarjament l-imputata ġiet akkużata wkoll talli bħala persuna li m'hijiex uffiċjal tal-ħabs jew persuna mpjegata fil-ħabs, mingħajr l-awtorita` leġittima, daħħlet jew ipprovat iddaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs, xi oġġett ikun li jkun li hu pprojbit, skont xi regolamenti magħmula skont dan l-Att, jew ġarret jew ippruvat iġġorr xi oġġett bħal dak barra minn xi ħabs, u ċioe` mediċina perikoluża skont l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew mediċina li hi kkontrollata b'regolamenti magħmula taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha u dan ai termini tal-Artikolu 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-imputazzjoni madankollu ġiet irtiratha mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2023 (a fol. 87 tal-proċess).
[3] A fol. 4 tal-proċess.
[4] A fol. 27 tal-proċess.
[5] A fol. 59 *et seq* tal-proċess.

il-jedd illi tkun assistita minn avukat waqt it-teħid tal-istess stqarrija, kif ukoll il-provi l-oħra riżultanti mill-i*strip search* li saritilha[6];

Rat ukoll ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-8 ta' Ottubru 2019, li permezz tagħha oġġezzjona għat-talbiet tal-imputata għar-raġunijiet hemm indikati minnu[7];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2019, tiddikjara illi ma kellhiex iżjed x'iżżid mar-risposta tagħha, kif ukoll it-trattazzjoni ulterjuri tad-difiża[8];

Rat ukoll id-digriet tagħha tad-9 ta' Novembru 2022, li permezz tiegħu irrilevat illi minkejja illi fiż-żmien tal-każ odjern, it-tieni imputazzjoni kienet teżorbita l-kompetenza oriġinali ta' din il-Qorti, fil-bidu tal-proċeduri odjerni, ma sarx l-eżami tal-imputata skont il-liġi u lanqas ma ġie esebit il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali, sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, b'dan għalhekk illi ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u stiednet lill-partijiet sabiex jitrattaw dan il-punt fis-seduta sussegwenti[9];

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2023, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kienet qed tirtira t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra l-imputata[10];

Rat in oltre illi fl-istess seduta, l-akkuża ġiet moqrija u kkonfermata bil-ġurament mill-Ispettur Paul Camilleri, fil-waqt illi d-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli terġa' tressaq il-provi u x-xhieda kollha mressqa fil-kawża sa dakinhar. Fl-istess seduta, il-Prosekuzzjoni straħet fuq il-provi prodotti minnha tul il-proċeduri, fil-waqt illi d-difiża iddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq;

Rat ukoll illi għal darb'oħra l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti, apparti li straħet fuq ir-risposta tagħha tat-8 ta' Ottubru 2019, kif ukoll illi d-difiża straħet fuq it-trattazzjoni tagħha tal-5 ta' Novembru 2018 u dik ulterjuri tad-9 ta' Ottubru 2019 (wara r-rikors tagħha tal-24 ta' Settembru 2019);

Rat in oltre illi fl-istess seduta, il-Qorti kkonfermat kull ordni u nomina li saret fil-kawża sa dakinhar.

---

[6] Ara a fol. 62 *et seq* tal-proċess.
[7] Ara a fol. 66 tal-proċess.
[8] A fol. 68 *et seq* tal-proċess.
[9] A fol. 80 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 87 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi nhar il-21 ta' Mejju 2011, **l-Ispettur Frans Micallef** ġie nformat mill-awtoritajiet tal-ħabs, illi waqt tfittxija li saret fuq viżitatriċi li kienet dieħla l-ħabs, ossia l-imputata odjerna, instab materjal suspettat droga, liema sustanza ġiet esebita mill-istess Spettur fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012 bħala Dok FM 2. L-imputata ġiet arrestata u rrilaxxjat stqarrija lill-Uffiċjal Investigatur nhar it-22 ta' Mejju 2011, wara li ngħatat is-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll il-jedd illi tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, liema jedd hija għażlet li ma teżerċitahx.[11] **In kontro-eżami**, l-Ispettur Frans Micallef jixhed illi ma rriżultalux lil min kienet sejra tara l-imputata fil-jum in kwistjoni u lanqas lil min kienet tmur tara regolarment (għalkemm il-Qorti tinnota illi dan kien jirriżulta mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputata).

**WCO 5 Joan Muscat** tixhed illi nhar il-21 ta' Mejju 2011, għall-ħabta tat-3:00 p.m., Sharon Scicluna marret tara lil Michael Zahra. Saritilha *strip search*, li nbdiet minn ħalqha. Tixhed ukoll illi f'ħalqha kellha *chewing gum*, li fih indunaw li kien hemm xi ħaġa, talbet lill-imputata sabiex tagħtihulha u dan għaddewh lis-Surġent. Tixhed in oltre illi komplew bl-i*strip search* fuq l-istess imputata u saret tfittxija wkoll fl-affarijiet tagħha, iżda ma rriżultalhom xejn iżjed.[12]

**WCO 1 Karen Grech** tixhed illi fl-imsemmi jum u ħin, l-imputata marret sabiex tara persuna [ġewwa l-ħabs] u illi huma ġew ordnati sabiex jagħmlulha *strip search*. Tixhed ukoll illi talbuha sabiex tiftaħ ħalqha, fejn kellha *chewing gum*, talbuha sabiex tagħtihom iċ-*chewing gum* fejn, fi kliemha "*irrizulta li kellha xi haga*".[13] Tgħid illi hija ma ratx x'kien hemm fiċ-*chewing gum*, iżda dan kien f'idejn il-kollega tagħha, li ħasbet li kien hemm xi ħaġa fih.[14]

**PS 100 Terence Azzopardi** jixhed illi fil-21 ta' Mejju 2011, għall-ħabta tat-3.00 p.m. kien ġie infurmat mis-Sezzjoni tad-Debituri ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, illi waqt spezzjoni li saret fuq ċertu Sharon Scicluna, l-imputata odjerna, kienu sabu *chewing gum* f'ħalqha li kien fih oġġett iebes u suspettuż. Jixhed ukoll illi huwa kien mar fuq il-post, fejn kien hemm WCO 5 u WCO 1, li apparti ċ-*chewing gum*, kienu elevaw ukoll pilloli tat-tip *Zantac* u xi pilloli oħra u ċellulari mill-pussess tal-istess imputata. Huwa kien eleva dawn l-oġġetti u nforma b'dan lill-Ispettur Micallef u għaddielu s-sustanza in kwistjoni. Jixhed ukoll illi huwa kien għamel

---

[11] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 9 u 10 tal-proċess, bħala Dok. FM 1. Ara x-xhieda tal-**Ispettur Frans Micallef**, a fol. 7 *et seq* tal-proċess.
[12] Ara a fol. 12 *et seq* tal-proċess.
[13] A fol. 14 tal-proċess.
[14] A fol. 14 *et seq* tal-proċess.

tfittxija fir-residenza tal-imputata, fil-fond 160, Flat 2, Triq il-Wied, Birkirkara, liema tfittixja rriżultat fin-negattiv.[15] Ix-xhud ippreżenta r-rapport redatt minnu dwar il-każ odjern bħala Dok. TA[16].

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur bħala espert f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza s-sustanza esebita bħala dok. FM 2[17], jirriżulta illi huwa ġabar dokument wieħed immarkat **S/B/442/2012** mingħand id-Deputat Reġistratur A. Azzopardi, liema dokument kien jikkonsisti f'*envelope* kannella li kien fih oġġett magħmul minn *tape* ta' lewn abjad li fih kien hemm qartas tal-plastik li kien jikkontjeni sustanza ta' lewn kannella.

Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda s-segwenti:

(a) Illi fuq estratt meħuda mis-sustanza ta' lewn kannella fl-istess dokument, instabet is-sustanza <u>Eroina</u>. Il-piż total tas-sustanza kien ta' <u>0.90 grammi</u> u l-purita` kienet ta' ċirka <u>15%</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[18]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fit-trattazzjoni finali tagħha tal-5 ta' Novembru 2018, id-difiża ssostni illi l-imputata ikkoperat mal-Uffiċjal Investigatur u illi f'dak l-istadju ma kinitx imxiet b'ammissjoni għaliex kienet għadha qed trabbi lil uliedha, filwaqt illi nterpellat lill-Qorti sabiex teroga piena fil-minimu, jew kemm il-darba dan huwa possibbli, anke taħt il-minimu. Tissottometti wkoll id-difiża illi ma jirriżultalhiex illi s-sustanza f'dan il-każ ġiet esebita. Fir-rigward ta' din l-aħħar sottomissjoni, kif ingħad iżjed 'il fuq, il-Qorti tinnota illi s-sustanza mertu tal-każ odjern ġiet esebita mill-Ispettur Francis Micallef fix-xhieda tiegħu tat-18 ta' Ottubru 2012, liema sustanza, mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżulta illi kienet droga eroina.

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, sussegwentement id-difiża intavolat rikors, li dwaru trattat fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2019, li permezz tiegħu talbet illi din il-Qorti illi jiġu estromessi mill-atti proċesswali kemm l-istqarrija tal-imputata, rilaxxjata minnha mingħajr il-jedd illi tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorju tagħha, kif ukoll il-provi l-oħra riżultanti mill-i*strip search* li saritilha, u dan fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija (Spettur Dennis**</u>

[15] Ara din ix-xhieda a fol. 30 *et seq* tal-proċess.
[16] Esebit a fol. 33 *et seq* tal-proċess.
[17] Ara d-digriet a fol. 27 tal-proċess.
[18] Ara a fol. 44 *et seq* tal-proċess u x-xhieda tal-istess espert, a fol. 41 *et seq* tal-proċess.

**<u>Theuma u Spettur Spiridione Zammit) vs Claire Farrugia</u>** tal-20 ta' Novembru 2018.

Illi l-Prosekuzzjoni toġġezzjona għal dan, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata nhar it-22 ta' Mejju 2011, għaliex l-imputata ngħatat il-jeddijiet viġenti fil-liġi fiż-żmien in kwistjoni, inkluż id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, liema dritt hija għażlet li ma teżerċitahx, oltre illi din ma kinitx l-ewwel esperjenza tal-imputata f'interrogatorju. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-i*strip search* li saret lill-imputata, il-Prosekuzzjoni twieġeb illi ċ-ċirkostanzi tal-każ fil-kawża ċitata mid-difiża kienu simili iżda mhux identiċi, u illi f'dan il-każ is-sejba tad-droga ma kinitx riżultat ta' *strip search*, la darba din instabet f'*chewing gum* li kienet f'ħalq l-imputata. Skont il-Prosekuzzjoni, il-kavita` tal-ħalq mhijiex parti intima tal-ġisem, ai termini tal-Artikolu 350 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ li din il-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata nhar it-22 ta' Mejju 2011, wara li ngħatat is-solita twissija skont il-liġi u d-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, iżda mingħajr il-jedd li tingħata assistenza legali waqt l-istess interrogatorju. Fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata b'dan il-jedd u dan stante illi dan daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, u dan b'żieda mas-sentenza hawn fuq imsemmija ċitata mid-difiża, is-sentenzi fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>** (Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Ottubru 2018), **<u>Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat</u>** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **<u>Clive Dimech vs Avukat Ġenerali</u>** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021, **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello</u>** (Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali, 18 ta' Novembru 2021), **<u>Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat</u>** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022).

Fis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>**, f'liema każ, minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija tiegħu, ir-rikorrenti kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-Pulizija, fl-istqarrijiet tiegħu, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi li sarulu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha

lil terzi.  F'dan il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

> "36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.
>
> 37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>** (ċitata mid-difiża), f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, <u>waħda minnhom ġuramentata</u>, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.  F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** tas-16 ta' Mejju 2019.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella</u>** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali

reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

> "14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Irid jingħad ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni tagħha:

> "26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.
>
> 27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti <u>Mehmet Zeki Celebi v. Turkey</u> (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:
>
> > *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that <u>it is only in very exceptional circumstances</u> that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of*

*access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'*overall fairness*' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali *The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah* (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello** tat-18 ta' Novembru 2021, fejn hemmhekk dik il-Qorti segwiet l-insenjament fl-aħħar sentenza hawn fuq ċitata, wara li qieset illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu Militello ammetta għar-reati li huwa tressaq dwarhom quddiem il-Qorti:

"Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma qagħdetx lura milli tordna l-isfilz ta' stqarrijiet meta sabet li fihom hemm dikjarazzjonijiet inkriminanti. L-aktar

waħda riċenti li din il-Qorti ltaqgħat magħha kienet dik fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt et** (Att t'Akkuża 5/2017) mogħtija fis-27 t'Ottubru 2021 ...:

> "din il-prova li ittieħdet meta l-appellant ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellant wieġeb għal mistqosijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan ifisser illi għalkemm għad irid jiġi iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel, kemm permezz tad-dikjarazzjonijiet verbali magħmula mill-appellant, kif ukoll dawk magħmula fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija, tista' tkun vvizzjata minħabba il-fatt illi l-appellant ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu bl-ebda mod jiġu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrija u dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellant miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din il-Qorti twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat mal-pregudizzju irrimedjabbli li ser ibati l-appellant f'kaz l-istess tiġi ammess, huwa indubitat illi il-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha. Il-Qorti għalhekk qed titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali f'dan ir-rigward."

Finalment, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** tal-4 ta' Mejju 2022, fejn ingħad hekk:

> 19. Dan magħdud, madanakollu, l-Qorti tistqarr illi hija konsapevoli tal-pronunzjamenti reċenti li ġew mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn ingħatat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bħala prova stqarrijiet li jkunu ġew rilaxxati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju billi jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq.[19] Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi kienet seħħet xi leżjoni, billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu kien għadu ma ġiex konkluż, iżda jidher illi bħala rimedju prekawzjonarju minħabba f'leżjoni

[19] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Clive Dimech vs Avukat Generali**, **The Police vs Alexander Hickey**, **Morgan Onuorah vs l-Avukat ta' l-Istat**.

> potenzjali, dik il-Qorti qiegħda ripetutament tagħti d-direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza il-prova ta' l-istqarrija. Illi għalkemm, kif ingħad, l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess, u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx, biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan l-istadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha, madanakollu l-Qorti ma tistax ma timxiex mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali billi jidher li din hija waħda kostanti, għalkemm kif ingħad il-proċess ġudizzjarju għadu ma wasalx fit-tmiem tiegħu."

Fil-każ odjern, huwa evidenti illi n-nuqqas li l-imputata tingħata l-jedd li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorju tagħha fit-22 ta' Mejju 2011, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-ebda preġudizzju għaliha, stante li hija għamlet dikjarazzjonijiet inkriminanti u spjegat iċ-ċirkostanzi kollha li wassluha sabiex iddaħħal id-droga f'ħalqha, ġewwa l-ħabs, dakinhar tal-21 ta' Mejju 2011. Għaldaqstant, fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq ċitata, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istess stqarrija meħuda lill-imputata mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tagħha bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment dan jgħodd ukoll għal dak li xehed l-Ispettur Frans Micallef in konnessjoni ma' dak li stqarret l-imputata matul l-interrogatorju tagħha.

Sorvolata din il-kwistjoni, mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi nhar il-21 ta' Mejju 2011, waqt illi l-imputata kienet dieħla ġewwa l-ħabs sabiex tagħmel viżita lil ċertu Michael Zahra, saritilha tfittxija, u nstab illi f'ħalqha kellha *chewing gum* li kien jikkontjeni xi ħaġa u illi dan ġie mgħoddi lis-Surġent. Da parti tiegħu, PS 100 Terence Azzopardi jixhed illi huwa eleva dak li nstab fil-pussess tal-imputata mingħand WCO 5 u WCO 1, apparti li ħa l-verżjoni tagħhom, u għadda kollox lill-Ispettur Micallef, li da parti tiegħu esebixxa s-sustanza in kwistjoni f'dawn il-proċeduri. Kif ingħad mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżulta illi din is-sustanza kienet tikkontjeni d-droga eroina f'piż ta' 0.9 grammi.

M'hemmx dubju għalhekk illi nhar il-21 ta' Mejju 2011, l-imputata pproċediet ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex tagħmel viżita, filwaqt illi fil-pussess tagħha kellha d-droga eroina. Stabbilit dan il-punt, jeħtieġ illi l-Qorti tindirizza l-punt sollevat mid-difiża fir-rikors tal-imputata, li dwaru d-difiża trattat fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2019, u dan in segwitu għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Dennis Thuema u Spettur Spiridione Zammit) vs Claire Farrugia**. F'dak il-każ, l-appellanti – li wkoll kienet dieħla ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex tagħmel viżita, meta saritilha *strip search*, fejn instabu

pakketti bl-eroina moħbija fil-parti tagħha – sostniet illi l-i*strip search* li saritilha kienet waħda illegali u rregolari u dan għaliex hija ma ġietx avżata mill-Uffiċjali tal-Ħabs li setgħet tirrifjuta li ssirilha *strip search*, f'liema każ kienet tintalab titlaq. Il-Qorti tal-Appell Kriminali hemmhekk sabet illi tali tfittxija kienet waħda llegali proprju għaliex irriżulta illi l-imputata ma ngħatatx din it-twissija.

Fil-każ odjern u fid-dawl tas-sentenza appena msemmija, id-difiża ssostni illi dak kollu li seta' rriżulta mill-i*strip search* li sar fuq il-persuna tal-imputata m'għandux jikkonstitwixxi prova fil-konfront tagħha, u dan stante illi ma ġietx mgħarrfa illi hija setgħet tirrifjuta li ssirilha t-tfittxija, f'liema każ kienet tintalab titlaq, kif ukoll illi ma nġabitx il-prova illi kien hemm l-awtorizzazzjoni tad-Direttur tal-Ħabs sabiex issir din it-tfittxija.

Filwaqt illi l-Qorti qieset dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ċitata mid-difiża, il-Qorti qed tqis ukoll dak deċiż nhar it-3 ta' Lulju 2020, mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversement preseduta, fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marouska Azzopardi**, fejn iċ-ċirkostanzi kienu simili ħafna għal dawk tal-każ odjern. F'dan il-każ, il-Qorti qalet hekk:

> "Issa l-appellanti tqies illi l-prova maghmula permezz tal-i*strip* search li saret fuq ill-persuna taghha qabel ma dahhlet sabiex taghmel il-vizta gewwa il-Facilita tal-prigunier Jason Zammit hija prova inammissibbli billi saret kontra l-ligi. Issa hija prassi adottata mill-gurisprudenza illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni espressa tal-ligi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova. Illi allura il-Qorti trid timxi b'cirkospezzjoni kbira sabiex tqies jekk il-prova li l-persuna akkuzata tkun qed tfittex li xxejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-valur probatorju jew l-ammissibbilita` taghha.
>
> Issa l-allegata illegalita' ta' l-i*strip search*, fil-fehma tal-appellanti, hija imsejsa fuq zewg nuqqasijiet, bl-ewwel wahda tkun dik li hija nieqsa l-prova li din giet ordnata mid-Direttur tal-Habs jew xi delegat tieghu u fit-tieni lok illi hija qatt ma giet imwissija li tista' taghzel tirrifjuta li tobdi dik l-ordni. Dak li qed timplika allura l-appellanti hija li din il-prova ittiehdet illegalment jew kontra l-ligi u tikkostitwixxi 'l hekk imsejjah *fruit from the poisonous tree*, regola li fid-dritt penali twassal ghall-eskluzjoni ta' evidenza mill-proceduri.
>
> Illi mix-xhieda tal-ufficjali tal-Facilita Korettiva ta' Kordin jidher illi t-tfittxija li saret fuq il-persuna tal-appellanti sehhet qabel ma giet awtorizzata taghmel vizta lil prigunier, awtorizazzjoni li trid temani mid-Direttur tal-Habs. Dan ghaliex malli vizitatur jirfes l-ghatba tal-Facilita',

u dan minn jeddu u b'mod volontarju bhala vizitatur, huwa jrid joqghod ghall-awtorita tad-Direttur tal-Habs. Illi r-regolament 58 tal-Legislazzjoni sussidjarja 260.03 jiddisponi illi:

**(1) Kull persuna li tkun waslet biex izzur prigunier ghandha tikxef l-identità taghha lill-ufficjal tal-habs responsabbli.**
**(2) Id-Direttur jista' jordna li ssir tfittxija fuq kull persuna li tkun waslet biex izzur prigunier. Dik it-tfittxija ghandha ssir minn ufficjal tal-habs ta' l-istess sess bhall-vizitatur u ghandha tigi dokumentata fir-registru msemmi fir-regolament 52(9).**
**(3) Kull persuna li tirrifjuta li tikxef l-identità taghha jew li toqghod ghal ordni tad-Direttur skond is-subregolament (2) ghandha tigi michuda permess biex taghmel iz-zjara.**
**(4) Il-kazijiet kollha li fihom zjara tigi michuda taht is-subregolament ta' qabel dan ghandhom jigu dokumentati fir-registru msemmi fir-regolament 52(9)**

Illi ma huwiex kontestat illi hekk kif l-appellanti dahhlet gewwa l-Facilita' giet ordnata li issirilha *strip search*. Dan il-fatt qatt ma gie kkontestat quddiem l-Ewwel Qorti kif inghad. Jidher mix-xhieda tal-ufficjali tal-Facilita' li xehdu f'dawn il-procedura illi din l-*istrip search* giet ordnata li ssir billi kien hemm suspett illi l-appellanti kienet ser tipprova iddahhal xi oggetti pprojbiti gewwa l-habs. Illi l-ligi taghti s-setgha lil kull vizitatur li jirrifjuta kemm li jaghti l-identita' tieghu kif jigi mitlub illi jaghmel, kif ukoll li jirrifjuta joqghod ghat-tfittxija li tigi ordnata li ssir fuq il-persuna tieghu/taghha. Il-konsegwenza ta' tali rifjut hija illi dak il-vizitatur jigi mcahhad mid-Direttur li jaghmel dik il-vizta lil prigunier kif mitlub. Ma hemm l-ebda konsegwenza ohra ta' natura penali jew inkriminatorja. Dan ifisser illi l-i*strip search* li saret ma saritx b'xi mezzi kontra il-ligi, ghaliex il-ligi stess taghti s-setgha lid-Direttur tal-Habs illi jaghmel l-ispezzjonijiet li jidhirlu li huma mehtiega. Illi di piu' l-ligi lanqas ma tipprovdi dwar xi twissija li ghandha tinghata lil vizitatur qabel ma ssirlu din it-tfittxija u, allura, jekk il-vizitatur ikun jixtieq izur lil prigunier huwa jrid joqghod ghall-ordni lilu moghtija jew jigi mcahhad lilu l-jedd li jaghmel il-vizta. Illi *a contrario senso*, allura, din ir-regola tfisser illi kull vizitatur qatt ma jista' jigi mgieghel mill-awtoritajiet tal-Habs la li jikxef l-identita' tieghu u lanqas li joqghod ghal xi tfittxija li tista' tigi mitluba li ssirlu.

Illi kienu diversi d-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar jekk tezistiex xi lezjoni ta' xi dritt fondamentali meta jsiru dawn it-tfittxijiet intimi, kemm fir-rigward tal-prigunier innifsu u anke fir-rigward tal-vizitatur. Illi fil-fatt abbazi ta' dawn id-decizjonijiet il-Kunsill tal-Ewropa harrget 'l hekk imsejha

**European Prison Rules (2006)** (sussegwentement emendati) dwar fost ohrajn regoli li ghandhom jigu mharsa meta jsiru tfittxijiet fuq vizitaturi fejn hemm rakkomandat:

> **"*Searching and controls***
> **54.1 There shall be detailed procedures which staff have to follow when searching:**
> **…**
> **<u>c. visitors and their possessions;</u>**
> **54.2 The situations in which such searches are necessary and their nature shall be defined by national law.**
> **54.3 Staff shall be trained to carry out these searches in such a way as to detect and prevent any attempt to … hide contraband, while at the same time respecting the dignity of those being searched and their personal possessions.**
> **54.4 Persons being searched shall not be humiliated by the searching process.**
> **54.5 Persons shall only be searched by staff of the same gender.**
> **…**
> **54.7 An intimate examination related to a search may be conducted by a medical practitioner only.**
> **…**
> **54.9 The obligation to protect security and safety shall be balanced against the privacy of visitors.**
> **54.10 Procedures for controlling professional visitors, such as legal representatives, social workers and medical practitioners, etc., shall be the subject of consultation with their professional bodies to ensure a balance between security and safety, and the right of confidential professional access.**

Dawn ir-regoli gew moghtija din it-tifsira:

> **"This rule lays down that in each prison there should be a clearly understood set of procedures which describe in detail the circumstances in which searches should be carried out, the methods to be used and their frequency. These procedures must be designed to prevent escape and also to protect the dignity of prisoners and their visitors.**
>
> **There should be clearly defined procedures for making sure that visitors to prisoners do not attempt to breach reasonable security requirements, for example, by bringing into the prison articles that are not allowed. These procedures may include the right to**

**search visitors in person while taking into consideration that visitors are not themselves prisoners and that the obligation to protect the security of the prison has to be balanced against the right of visitors to their personal privacy. The procedures for searching women and children need to be sensitive to their needs, for example, by ensuring that a sufficient proportion of staff carrying out searches is female. Personal searches should not be carried out in public view[20].**

Illi d-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja, jitrattaw kazijiet dwar vjolazzjoni tal-artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni u huma konsoni fil-fehma illi it-tfittxija intima li issir permezz ta' *strip search* fil-konfront ta' prigunier, suspettat jew vizitatur fiha innifisha ma hijiex kontra l-ligi basta li jkun hemm l-element ta' proporzjonalita bejn is-sigurta' li t-tfittxija qed tfittex li thares u r-rispett lejn id-dinjita u d-dritt ghall-privatezza tal-individwu soggett ghal tali tfittxija. Dawn iridu isiru minghajr intimidazzjoni jew theddid, bit-tfittxija ssir minn mhux aktar minn zewg ufficjali tal-istess sess tal-persuna sottoposta ghat-tfittxija, u f'post privat. Imkien ma jirrizulta li ghandu jinghata xi jedd ulterjuri lil tali persuna fosthom il-jedd li tigi imwissija li hemm id-dritt ghar-rifjut fil-kaz tal-vizitatur. Dan ghaliex it-tfittxija trid tkun wahda necessitata mic-cirkostanzi li jfittxu, kif inghad, biex tithares is-sigurta tal-prigunieri u tan-nies kollha fil-habs.

Jinghad hekk fil-kaz **Milka vs il-Polonja** deciz fil-15 ta' Settembru 2015[21]

"***According to the settled case law, the notion of necessity implies that the interference corresponds to a pressing social need and, in particular, that it is proportionate to the legitimate pursued aim. The Court emphasized that whilst strip searches may be necessary on occasions to ensure prison security or to prevent disorder in prisons, they must be conducted in an appropriate manner."***

Ukoll fid-decizjoni **Frerot vs France**, iccitata mill-appellanti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet, jinghad:

***"The Court considered that on the whole the above procedure, including visual inspection of the anus "in the specific case of a search for prohibited objects or substances", was appropriate, provided that such a measure was permitted only where absolutely necessary in the light of the special circumstances and where there***

---

[20] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għal https://rm.coe.int

[21] Fourth section 14322/12. Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll għal Julin vs Estonia (2012); Ciupercescu vs Romania( 2010), Wieser vs Austria (27/02/2007).

***were serious reasons to suspect that the prisoner was hiding such an object or substance in that part of the body. The Court accordingly took the view that that body-search procedure was not, generally speaking, inhuman or degrading[22].***

Illi forsi l-aktar kaz li jattalja mal-fattispecje tal-kaz odjern huwa dak fl-ismijiet **Wainwright & Son vs The United Kingdom** li kien jikkoncerna *strip search* fuq omm u binha li kienu dehlin gewwa il-habs jaghmlu vizta lil prigunier li kien l-iben u hu l-vizitaturi:

***"the Court considers that the searching of visitors may be considered as a legitimate preventive measure. It would emphasise nonetheless that the application of such a highly invasive and potentially debasing procedure to persons who are not convicted prisoners or under reasonable suspicion of having committed a criminal offence must be conducted with rigorous adherence to procedures and all due respect to their human dignity."***

Esposti dawn il-principji gurisprudenzjali ewropej, u applikati ghal kaz in dizamina ghandu johrog illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellanti ma hemm xejn illegali fl-*istrip search* li saritilha. Mhux biss jidher illi kien hemm ordni valida sabiex din issehh, gjaldarba din qatt ma giet ikkontestata u jixhdu dwarha l-ufficjali kollha tal-Habs, izda jidher illi din l-ordni harrget wara li kien hemm suspett ragjonevoli li l-appellanti kienet ser iddahhal id-droga gewwa il-Facilita', suspett li *del resto* kien wiehed ben fondat. Illi mhux biss, izda din it-tfittxija saret fil-privat minn zewg gwardjani tal-istess sess fejn l-oggett waqa' wahdu mal-art minghajr ma kien hemm xi ezami intern, u li minn dak il-mument l-appellanti giet moghtija d-drittijiet taghha skont il-ligi vigenti f'dak iz-zmien tant illi sahansitra ghazlet li tikkopera mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u anke ibbenefikat mill-applikazjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi d-Direttur tal-Habs ghandu s-setgha skont il-ligi jitlob li jsiru dawk it-tfittxijiet li huma mehtiega sabiex tithares is-sigurta' gewwa il-Facilita'. Fuq kollox il-ligi taghti il-jedd lil vizitatur li jirrifjuta kemm li jaghti l-identita' tieghu kif ukoll li joqghod ghat-tfittxija li tintalab li ssirlu minghajr ma l-ligi tinnecessita' illi dan ghandu jinghata twissija minn qabel li ghandu dritt li jirrifjuta jaghmel dan. Illi anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha taghti ragun lill-appellanti, il-fatt illi t-twissija ma tinghatax ma jirrendiex it-tfittxija li ssir sussegwentment bhala wahda illegali dment li jigu osservati d-drittijiet l-ohra tal-vizitatur kif hawn fuq

[22] 70204/01 – chamber judgment 12/06/2007

elenkati. Illi l-appellanti ma tistax tqabbel dan il-jedd ghat-twissija dwar ir-rifjut ma' dak li jinghata qabel ma jsir it-test tan-nifs fil-ligijiet dwar it-traffiku, kif qed tippretendi, ghaliex f'dik il-ligi ir-rifjut awtomatikament jissarraf f'reat, haga li ma jirrizultax f'dan il-kaz billi l-uniku konsegwenza li jimporta r-rifjut, kif inghad, huwa li l-vizitatur jigi imcahhad mil-vizta lil prigunier u xejn izjed. Dan ifisser allura illi lanqas ma tinsorgi l-lezjoni tad-dritt kontra l-awto-inkriminazzjoni kif jikkontendi l-abbli difensur tal-appellanti.

Illi fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Saunders vs the United Kingdom** jinghad hekk:

***68. The Court recalls that, although not specifically mentioned in Article 6 of the Convention (art. 6), the right to silence and the right not to incriminate oneself are generally recognised international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under Article 6 (art. 6). Their rationale lies, inter alia, in the protection of the accused against improper compulsion by the authorities thereby contributing to the avoidance of miscarriages of justice and to the fulfilment of the aims of Article 6 (art. 6) (see the above-mentioned John Murray judgment, p. 49, para. 45, and the above-mentioned Funke judgment, p. 22, para. 44). The right not to incriminate oneself, in particular, presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused. In this sense the right is closely linked to the presumption of innocence contained in Article 6 para. 2 of the Convention (art. 6-2).***

***69. The right not to incriminate oneself is primarily concerned, however, with respecting the will of an accused person to remain silent. As commonly understood in the legal systems of the Contracting Parties to the Convention and elsewhere, it does not extend to the use in criminal proceedings of material which may be obtained from the accused through the use of compulsory powers but which has an existence independent of the will of the suspect such as, inter alia, documents acquired pursuant to a warrant, breath, blood and urine samples and bodily tissue for the purpose of DNA testing***[23]***."*** (sottolinjar tal-Qorti)
Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi michud b'dan ghalhekk illi it-tfittxija li saret fuq il-persuna tal-appellanti kienet wahda li saret skont il-ligi."

Din il-Qorti ċċitat fit-tul din id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali għaliex iċ-ċirkostanzi f'dak il-każ kienu simili ħafna għal dawk tal-lum. Irid jingħad ukoll illi

[23] 17/12/1996 – 19187/91 Grand Chamber

għalkemm l-appellanti f'dak il-każ sussegwentement ressqet l-ilmenti tagħha quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) u illi b'sentenza tat-28 ta' April 2022 fl-ismijiet **Marouska Azzopardi vs Avukat tal-Istat**, dik il-Qorti ddeċidiet illi kienu ġew leżi d-drittijiet tal-attriċi għal smiegħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, bil-fatt illi hija ma ngħatat l-ebda twissija li kellha l-jedd li tirrifjuta li ssirilha *strip search,* fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Ottubru 2022 fl-istess ismijiet, il-Qorti Kostituzzjonali ħassret dik il-parti tas-sentenza li laqgħet it-talbiet attriċi.

Bħal fil-każ ċitat, mhuwiex kontestat fil-każ odjern illi hekk kif daħlet ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, ġie ordnat li ssir *strip search* lill-imputata. Dwar dan, WCO 1 Karen Grech tixhed illi huma ngħataw ordni sabiex dan isir u għalhekk din ma kinitx xi tfittxija spontanja li saret mill-gwardjani tal-ħabs. Din ix-xhieda baqgħet ma ġietx kontestata mid-difiża, minkejja li ġie riżervat il-kontro-eżami tax-xhud. Kemm il-darba d-difiża kellha xi dubju dwar il-validita` o meno ta' din l-ordni, allura kellha tikkontestaha u tipprova, almenu sal-grad tal-probabbli, illi tali ordni mogħtija lill-gwardjani, ma kinitx waħda valida jew skont il-liġi. Mill-atti ma jirriżultax għaliex ingħatat l-ordni li ssir tfittxija lill-imputata, għajr għall-fatt illi jirriżulta illi din kellha viżita ma' ċertu Michael Zahra, li fil-fehma tal-Qorti, kienet ġustifikazzjoni biżżejjed sabiex issir din it-tfittxija. Kif kien il-każ fis-sentenza appena ċitata, lill-imputata saritilha tfittxija minn żewġ gwardjani nisa, u fl-ebda waqt ma jirriżulta li sar xi eżami intern fuq ġisimha. Fil-każ odjern, id-droga in kwistjoni nstabet f'*chewing gum* f'ħalq l-imputata fil-bidu tat-tfittxija u għalhekk ċertament li dan ma kien jinneċessita l-ebda perkwiżizzjoni tal-partijiet intimi tal-ġisem tal-imputata. Il-Qorti taqbel perfettament mas-sentenza fuq ċitata, b'mod partikolari illi l-liġi ma teżiġix illi jingħata xi avviż lill-viżitaturi illi għandhom il-jedd li jirrifjutaw it-tfittxija. Dwar dan, din il-Qorti kif preseduta, fil-fatt kienet qalet hekk fil-każ minnha deċiż nhar it-30 ta' Mejju 2018, fil-proċeduri **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**:

> "Il-Qorti tinnota illi dan ir-Regolament jaghti s-setgha lid-Direttur tal-Habs sabiex jordna tfittxija fuq vizitatur ossia persuna li tmur gewwa l-habs sabiex izur prigunier u jipprovdi illi kemm il-darba dak il-vizitatur jirrifjuta li joqghod ghal tali ordni ta' tfittxija, huwa ghandu jigi mcahhad milli jaghmel dik iz-zjara. Imkien ghalhekk dan ir-Regolament ma jghid jew jezigi illi l-ufficjali tal-habs ghandhom javzaw lill-vizitatur li huwa jista' jirrifjuta li joqghod ghal tfittxija li tigi ordnata mid-Direttur tal-Habs, kif qeghda tippretendi d-difiza. Fil-fehma tal-Qorti, apparti l-kliem inniffsu tar-regolament li ma jezigix tali avviz lill-vizitatur, wiehed ghandu jqis ukoll il-kuntest ta' tali regolament u l-ghan tieghu. Meta

> vizitatur jidhol gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex izur prigunier, dan ghandu jistenna li jissoggetta ruhu ghar-regoli ta' dik il-Facilita`, b'mod partikolari regoli li jassiguraw is-sigurta` tal-post u tal-abitanti tieghu, kif ukoll illi ma jigux introdotti oggetti llegali jew projbiti gewwa l-istess Facilita`. Ghalhekk meta wiehed jirrifjuta li jassoggetta ruhu ghal dawk ir-regoli, il-konsegwenza logika u necessarja hija li huwa jigi rifjutat dhul gewwa l-istess Facilita`."

Bħal fil-każ ċitat, it-tfittxija saret b'tali mod li kienet proporzjonata mar-raġuni li għaliha kienet qed issir ossia illi jiġi aċċertat illi ma jidħlux oġġetti projbiti jew illegali f'post ikkontrollat u dan f'ċirkostanzi fejn l-imputata kellha viżita ma' detenut ġewwa l-istess Faċilita`, liema tfittxija wara kollox tat il-frott tagħha u għalhekk kwalunkwe suspett li seta' kien hemm fil-konfront tagħha sabiex saret din it-tfittxija, kien wieħed fondat.

Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti tqis mhux biss illi t-tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputata saret skont il-liġi, iżda tqis ukoll illi jirriżulta ppruvata lil hinn minn kull dubju raġjonevoli illi fil-jum in kwistjoni, l-imputata kienet fil-pussess tad-droga eroina. Lanqas ma hemm dubju, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, illi d-droga fil-pussess tal-imputata u li hija ttentat iddaħħal ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin ġewwa *chewing gum* f'ħalqha, filwaqt illi kienet ser tagħmel viżita fl-istess Faċilita`, ma kinitx intiża għall-użu personali tagħha, iżda għal terzi. Għaldaqstant, jirriżulta wkoll il-pussess aggravat tal-istess droga eroina da parti tal-imputata u dan fit-termini tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputata fiż-żmien tal-każ odjern, liema fedina penali għalkemm m'hijiex netta, lanqas ma hija waħda allarmanti u tikkonsisti f'sejbien ta' ħtija dwar pussess tar-raża tal-*cannabis*, liema reat jirrisali għas-sena 2008. Minkejja li l-Qorti ordnat lill-Prosekuzzjoni sabiex tesebixxi l-fedina penali aġġornata tal-imputata, din baqgħet ma ġietx esebita.

Tqis ukoll in-natura serja tar-reat odjern, u ċ-ċirkostanzi tal-każ, b'mod partikolari illi d-droga kienet intiża sabiex tidħol ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, post intiż għar-riforma u r-rijabilitazzjoni tal-persuni hemm miżmuma. Tqis ukoll l-ammont tad-droga mertu tal-każ.

In kwantu s-sottomissjoni tad-difiża, illi l-Qorti teroga piena taħt il-minimu, tqis ukoll illi hija prekluża milli tagħmel dan ai termini tal-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti qed tqis in oltre illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2011, illi l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha sitt snin wara f'Ottubru 2017, u illi fil-maġġor parti tiegħu d-dewmien f'dawn il-proċeduri ma kienx dovut għall-istess imputata.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputata **Sharon Zahra ġia` Scicluna (ID 503174(M))** ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u tikkundannaha għall-piena ta' **sitt (6) xhur priġunerija effettiva** u **multa ta' seba' mitt ewro (€700)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas mill-ħatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert f'dawn il-proċeduri, u ċioe` l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija, tnejn u tmenin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€182.71), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħatja fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. FM 2, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi *proces-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara
Deputat Reġistratur